*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

b'konsegwenza li,

— tannulla d-deċiżjonijiet tal-BEI tat-8 ta' Frar u tat-8 ta' Marzu 2019 li jiddikjaraw ir-rikorrent adattat li jaħdem u f'assenza inġustifikata mit-18 ta' Frar 2019;

— sa fejn meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-BEI tas-16 ta' Marzu 2020 li tikkonferma l-konklużjonijiet tal-kummissjonii ta' konċiljazzjoni u, konsegwentement, id-deċiżjonijiet tat-8 ta' Frar u tat-8 ta' Marzu 2019;

għaldaqstant,

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas retroattiv tal-pensjoni ta' invalidità fil-prinċipju mill-1 ta' Frar 2019;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' interessi moratorji fuq il-pensjoni ta' invalidità dovuti mill-1 ta' Frar 2019 u dan sal-ħlas komplet, peress li l-interessi moratorji huma ffissati bir-rata ta' interess tal-Bank Ċentrali Ewropew miżjud b'żewġ punti;

— tikkundanna lil BEI għall-kumpens tad-dannu morali tar-rikorrent;

— tikkundanna lil BEI għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 46-1 u 48-1 tar-Regolament tal-Iskema ta' Pensjoni u tal-Artikolu 11(1) u (3) tad-dispożizzjonijiet amministrattivi kif ukol fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura.

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2020 – KM vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-374/20)

(2020/C 255/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* KM (rappreżentant: M. Müller-Trawinski, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-7 ta' Ottubru 2019 fil-forma tad-deċiżjoni tal-"Autorité Investie du Pouvoir de Nomination (AIPN)" Nru R/627/19 tal-20 ta' Marzu 2020, li permezz tagħha l-konvenuta tirrifjuta li tagħti lir-rikorrenti pensjoni tas-superstiti, u tordna lill-konvenuta, fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dritt mogħtija mill-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi mill-ġdid u tagħti lir-rikorrenti pensjoni tas-superstiti;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin:

1. L-ewwel motiv

   L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-argument li r-rekwiżit li kopji tas-sess oppost għandhom jiżżewġu, filwaqt li, fir-rigward tal-kopji l-oħra kollha, kwalunkwe forma ta' sħubija permanenti rreġistrata hija suffiċjenti għal pensjoni, huwa diskriminatorju.

2. It-tieni motiv

   It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-argument li l-Artikolu 18 moqri flimkien mal-Artikolu 20 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea huwa diskriminatorju u, għalhekk, null peress li fir-rigward ta' uffiċjali attivi, sena żwieġ hija suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita relazzjoni stabbli li tintitola lill-konjuġi tal-uffiċjal għal pensjoni tas-superstiti mal-mewt tal-uffiċjal, filwaqt li fir-rigward tal-konjuġi tal-uffiċjali li jiżżewġu lil dawn l-uffiċjali wara li dawn tal-aħħar ikunu rtiraw, ħames snin ta' żwieġ huma meħtieġa sabiex jikkwalifikaw għall-pensjoni tas-superstiti.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2020 – Ryanair vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-378/20)**

(2020/C 255/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F. Laprévote, S. Rating u I. Metaxas-Maranghidis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) tal-15 ta' April 2020 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.56795 ([1]); u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur, min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, tar-rekwiżit legali li għajnuna awtorizzata taħt l-Artikolu 107(2)(b) TFUE għandha tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minħabba ġrajjiet eċċezzjonali u mhux biss għall-ħsara mġarrba minn vittma waħda ta' dawn il-ġrajjiet.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, fil-verifika tagħha tal-proporzjonalità tal-għajnuna mal-ħsara kkawżata mill-kriżi tal-COVID-19.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur, min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tat-TFUE u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u mal-libertà ta' stabbiliment li huma l-bażi tal-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru fl-Unjoni sa mill-1980. Il-liberalizzazzjoni tas-suq tat-trasport bl-ajru fl-Unjoni ppermettiet it-tkattir ta' linji tal-ajru bi prezz baxx ġenwinament pan Ewropej. Billi awtorizzat lid-Danimarka tirriżerva għajnuna għal SAS biss il-Kummissjoni Ewropea injorat il-ħsara kkawżata mill-kriżi COVID-19 lil dawn il-linji tal-ajru pan Ewropej u r-rwol tagħhom fil-konnettività bl-ajru tad-Danimarka. L-Artikolu 107(2)(b) TFUE jipprovdi eċċezzjoni għall-projbizzjoni ta' għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) TFUE iżda ma jipprovdix eċċezzjoni għal regoli u prinċipji oħra tat-TFUE.